IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 25-2016(23_11_16)**

**23 ta' Novembru 2016**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

25.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

25.2.1 Peress li l-Minuti ntbagħtu minn xi jiem qabel, dawn ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati.

**25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-bieraħ beda x-xogħol fuq il-passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi u kollox miexi kif ippjanat.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR1012, Għawdex * T. 21558755 * F. 21558787 * E. munxar.lc@gov.mt**

25.3.2 Is-Sur Kurt Cortis mill-MEUSAC għamel żjara fit-torri bħala preparament għall-applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropea.

25.3.3 Saret laqgħa bejn il-Kunsill Lokali, il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, KIP Għawdex Ltd u uffiċjali mill-Wasteserv. F'din il-laqgħa ġew diskussi l-problemi u l-andament tal-*organic waste collection* fil-Munxar u Ix-Xlendi.

25.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fl-14 ta' Novembru 2016 beda ħaddiem ġdid mill-Iskema Community Workers Scheme li qed jitħallas mill-Enterprise Foundation.

25.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet xtrat presepju għall-ħarġa tal-anzjani li ser issir fit-8 ta' Diċembru 2016.

**25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

25.4.1 Is-Sinjorina Sonja Abela staqsiet x'kienet ir-raġuni li l-Kunsill ma tax flixkun ilma u frotta għall-ħarġa li saret sabiex jinġabru fondi għall-*Community Chest Fund*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li la kien hemm deċiżjoni tal-Kunsill u lanqas ma jistgħu jingħataw donazzjonijiet.

Is-Sinjorina Sonja Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li meta laqgħa titkompla, għandha ssir ir-rassenja tal-attendenza u din tixxandar *live* fuq l-*internet*. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma u żied li laqgħa li titkompla tkun meqjusa bħala laqgħa ġdida, b'Aġenda u Minuti għaliha.

Hija staqsiet fiex waslu l-preparamenti tal-*bus shelter* li ser issir quddiem il-bandli, għall-*bar* ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u meta ser tinxtegħel il-bozza li twaħħlet mal-arblu fil-bidu ta' Triq il-Profs. Ġużè Aquilina.

Is-Sinjorina Sonja Abela talbet li jsir bank quddiem il-*bus stop* ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957.
Rigward il-*bus shelter*, il-Kunsill qiegħed fil-proċess li japplika mal-Planning Authority u għal-lampa saret talba lill-Enemalta Corporation biex tiġi kkonnetjata. Il-Kunsill qabel li jsir il-bank.

25.4.2 Is-Sur Damien Spiteri staqsa fiex wasal dak l-ilment li għamel sid ta' proprjetà fi Triq San Pawl minħabba li qed jaħbat il-vettura mal-bankina tal-faċċata. Is-Sindku marret tara u ser tkellem lil Transport Malta.

25.4.3 Is-Sur Paul Curmi staqsa dwar fiex wasal l-ilment li kien sar minħabba li minn meta saret it-triq bit-tarmak xi tmien snin ilu, l-ilma ma baqax jidħol fil-bir ta' Villa Mercieca fi Triq Ras il-Bajjada. Is-Sindku infurmatu li wara li marret fuq il-post mal-perit, issa ser tkellem lill-*foreman* sabiex jinbeda x-xogħol fuq il-bankina.

Huwa staqsa dwar il-ħitan ta' Triq Ras il-Bajjada għax ilu li lmenta dwar dawn u għadhom ma tranġawx. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jikteb lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp għaliex hi kienet kellmet kemm-il darba lill-Uffiċjal Inkarigat mis-CMU.

**25.5 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv**

25.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie avviċinat minn Dr Peter J. Shield sabiex jippreżenta proposta dwar il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Huwa qed jipproponi li bħala estenzjoni tal-Mitħna ssir Pizzeria. Jinxtraw żewġ jew tliet xarabanks antiki u jitpoġġew fit-trejqa ta' quddiem il-Mitħna u fihom il-klijenti jkunu jistgħu jieklu l-pizza. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta għax jaħseb li l-proġett ma huwiex vijabbli.

25.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill rigward kuntratt li ġie ffirmat bejn il-Parroċċa u l-Kunsill Lokali għat-tmexxija ta' *Day Centre* fil-Munxar. Ġie miftiehem li perjodikament il-Parroċċa torganizza diversi attivitajiet edukattivi u rikreattivi għall-anzjani ġewwa d-*Day Centre* li jinsab ġewwa Dar San Ġużepp, Sorijiet tal-Karità, Il-Munxar kif ukoll diversi ħarġiet għar-residenti tar-raħal tal-Munxar. Il-ġestjoni u r-responsabilità tal-istess attivitajiet hija tal-Parroċċa tal-Munxar. L-istess Parroċċa tieħu ħsieb ukoll l-organizzazzjoni tal-istess attivitajiet. Il-Kunsill irid iħallas lill-Parroċċa l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) u għandha titħallas darba kull sena. Għandha tingħata rċevuta għal kull pagament. Il-ftehim huwa għal tliet snin li japplikaw minn Ottubru 2015 sa Lulju 2016 (għal din is-sena diġà sar il-ħlas); Ottubru 2016 sa Lulju 2017 u Ottubru 2017 sa Lulju 2018.

25.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *CV* ta' żewġ persuni interessati għal EU Funds Officer. Ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa' ma' dawn il-persuni u jistaqsi dwar il-*fees* tagħhom.

25.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fi Triq ix-Xatba ċeda ħajt tat-triq għal ġo għalqa u issa t-traffiku bil-kemm qed ikun jista' jgħaddi u anke tinsab perikoluża. Ġew imqabbda l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jibnu dan il-ħajt, iżda biex dan ikun f'saħħtu, għax minn fuqu jgħaddu l-vetturi, trid tintefa' jarda *concrete* f'nofs il-ħajt u jarda oħra fuq il-wiċċ tal-ħajt. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sur Paul Curmi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li huwa ilu jitlob sabiex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ ta' Triq Ras il-Bajjada, iżda dawn għadhom ma nbnewx. Is-Sindku infurmatu li kienet kellmet diversi drabi lill-Uffiċjal Inkarigat mit-Taqsima tas-CMU. Peress li dan huwa xogħol maġġuri, il-Kunsill ser jikteb lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp.

25.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sur Paul Curmi sabiex jgħid xi żviluppi kien hemm dwar dik il-persuna li kellu jkellem sabiex tagħti servizz lill-Kunsill sabiex joħroġ tnax-il *tender* bis-sistema l-ġdida tal-*Electronic Public Procurement*. Huwa informa lill-Kunsill li dik il-persuna li kellem ma tistax. Għaldaqstant, il-membri ser jaraw ikunux jafu b'xi ħadd li jista' jagħti dan is-servizz lill-Kunsill. Sadanittant, is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jattendi għal żewġ sessjonijiet li ser jitrattaw il-proċess ta' akkwist li jinkludi fihom kif jinħarġu sejħiet għall-kwotazzjonijiet u offerti. Dawn ser isiru mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'Għawdex stess. Hu ppjanat li jsiru sessjonijiet simili għas-Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera f'Jannar 2017.

25.5.6 Is-Sur Kurt Cortis mill-MEUSAC li qiegħed jaħdem fuq l-applikazzjoni għall-fondi tal-EU għat-torri żar it-torri. Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u s-Sur Giovanni Zammit iltaqgħu miegħu fit-torri u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' miegħu l-Kunsill wara ż-żjara fit-torri. Huwa bagħat rapport tal-punti kollha li tqajmu sabiex il-Kunsill ikun jista' jibda jaħdem fuqhom. L-aktar punt li sar aċċenn għalih huwa dwar l-aċċessibilità għall-post u fil-post stess. Fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ser jinħatar EU Funding Officer sabiex jibda jaħdem fuq dan il-proġett u jagħlaq il-proġetti l-oħra.

25.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mistieden sabiex jattendi għal dimostrazzjoni mingħand il-Maltapost dwar servizz ta' ħażna u arkivjar ta' dokumenti. Peress li fil-*premises* tal-Kunsill qed jonqos l-ispazju, huma qed joffru li l-Kunsill jaħżen u arkivja b'mod sikur il-*files* tiegħu fil-faċilitajiet tal-Maltapost. Il-ħaddiema tal-Maltapost jiġbru d-dokumenti u jeħduhom fil-faċilitajiet tagħhom fejn jiġu ssortjati, *indexed* u organizzati skont kif jixtieq il-Kunsill. Dawn il-faċilitajiet huma mgħammra b'sistema ta' sorveljanza 24x7, kompluta b'*fire detection* u *access control*. Meta l-Kunsill ikun irid lura xi dokument, dan jingħata fl-istess ġurnata.

Il-Maltapost joffru dawn id-diversi għażliet varji ta' ħażna u arkivjar:
*Basic Storage* – meta d-dokumenti jinżammu fil-*warehouse* moderna u mgħammra tajjeb tagħhom.
*Electronic Storage* – id-dokumenti jiġu skenjati u rritornati b'*e-mail*, fuq *CD* jew *FTP transfer*. Id-dokument innifsu jista' jew jiġi storjat fil-faċilitajiet tal-Maltapost jew irritornat lill-Kunsill.
*Retrieve Online* – il-versjoni elettronika skenjata tiġi *saved* ġo *server* sikur *online* fejn ikun jista' jsir aċċess għaliha minn kullimkien madwar id-dinja. Id-dokument innifsu jista' jew jiġi storjat fil-faċilitajiet tal-Maltapost jew irritornat lill-Kunsill.

Il-faċilitajiet moderni u *state of the art* tal-Maltapost huma mgħammra b'dawn:

- *Fire and flood control;*
- *Climate and humidity control;*
- *Vermin and pest control;*
- *24 hour CCTV monitoring;*
- *Controlled access;*
- *Complete track and trace of all boxes, files and other data.*

'Il quddiem is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jara l-bżonnijiet eżatti u jitlob stima.

**25.6 Korrispondenza**

25.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 35/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva Finanzjarja – *Stronger Communities*: *Literacy Projects at Local Level*.

25.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 36/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Templates* tal-Aġenda u l-Minuti'.

25.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 37/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Meta Kunsill Lokali jonqos milli jwettaq xi funzjoni'.

25.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 38/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet'.

25.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 39/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Seminar* dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-Sena Finanzjarja 2017 – nhar is-Sibt, 12 ta' Novembru 2016'.

25.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 40/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Kodiċi ta' Etika'.

25.6.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 41/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Rimunerazzjoni tal-Kenniesa tat-Toroq f'Kuntratti ma' Kunsilli Lokali'.

25.6.8 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 42/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva ta' Taħriġ dwar il-proċess ta' akkwist (*procurement*)'.

25.6.9 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permessi ta' żvilupp PA/06335/16 fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi u PA/06574/16 fi N/S off Triq Ta' Rinota, Il-Munxar.

25.6.10 Il-Kunsill irċieva invit għal diversi *workshops* li ser jinżammu madwar Malta u Għawdex organizzati minn The 2017 Maltese Presidency of the Council of the EU, il-Valletta 2018 u l-Arts Council Malta fir-rigward tal-Call for Partecipation: Futuring Overture.

25.6.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) rigward il-Konferenza Nazzjonali bħala parti mill-proġett 'Il-Karta tad-Diżabilità tal-Unjoni Ewropea f'Malta bit-tema 'Dmirijiet. Drittijiet', fl-okkażjoni tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità mit-2 sad-9 ta' Diċembru 2016.

25.6.12 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru 59/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Laqgħa għas-Sindki fil-5 ta' Novembru 2016', fejn mehmuż kien hemm l-Aġenda tal-laqgħa tal-5 ta' Novembru 2016 u l-Aġenda u l-Minuti tal-Laqgħa tas-Sindki tas-6 u 7 ta' Mejju 2016.

25.6.13 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta rigward permess ta’ żvilupp PA/06676/16 fi Triq San Xmun/Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi.

25.6.14 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-61 laqgħa tat-18 ta’ Novembru 2016 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 60 ta’ dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

25.6.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni Inspire rigward l-ewwel edizzjoni ta’ ‘The Happy Walk’.

25.6.16 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Gozo Association for the Deaf għas-*seminar* annwali organizzat mill-Fondazzjoni Għawdxija għall-Persuni b’Diżabilità (FGĦPD) bit-tema ‘L-Aċċessibiltà fil-Lokalitajiet Tagħna’.

25.6.17 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta rigward Applikazzjoni ta’ Regolarizzazzjoni RG/00381/16 fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi.

25.6.18 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta rigward permessi ta’ żvilupp PA/06436/16 fi Triq il-Kavallieri, Ix-Xlendi u PA/06475/16 fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi.

25.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal komunikat li dan id-Dipartiment irċieva mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin rigward ‘Cultural Tours for the Diplomatic Community Resident in Malta – Expression of Interest’.

25.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Marion Mizzi Wellbeing - Gozo rigward il-possibilità li jiġu organizzati sessjonijiet informattivi u trattamenti ta’ *slimming* u dieta bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Dawn ser ikunu miftuħa għal dawk ta’ kull età li għandhom problema ta’ piż żejjed.

Is-Sinjorina Sonja Abela offriet li tieħu ħsieb dawn is-sessjonijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

**25.7 Ilmenti**

25.7.1 Il-Kunsill irċieva lment rigward permess li nħareġ mill-Kunsill sabiex sid l-istabbiliment tal-ikel The Boathouse itella’ ċilindri tal-gas fuq il-bejt bejn is-6 ta’ filgħodu u d-9 ta’ filgħodu. Peress li dan ir-resident qed jara li jekk ix-xogħol isir fis-6 ta’ filgħodu jkun kmieni, ’il quddiem il-Kunsill ser jagħti permess mis-7 ta’ filgħodu sad-9 ta’ filgħodu. Huwa ġie infurmat b’din id-deċiżjoni u rringrazzja lill-Kunsill.

25.7.2 Il-Kunsill irċieva *e-mails* mingħand ir-Reġjun Għawdex kif ukoll mingħand il-Head of School tal-Gozo College Middle School rigward il-proġett ‘Kreattiv’ li qed ikun introdott u qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali ta’ Għawdex. Sommarju tal-proġett qed jintbagħat ukoll wara li dan ġie spjegat fil-laqgħa tar-Reġjun. Il-Kunsill qed ikun mitlub sabiex isib l-espert tal-lokalità li ser ikun qiegħed ifassal il-Historic Trail tal-lokalità rispettiva kif ukoll li jfisser lill-istudenti s-siti storiċi li jinsabu f’dan it-*trail* kif ukoll jiġi sponsorjat it-trasport tal-istudenti mill-iskola għal-lokalità u lura. Fil-futur ser issir laqgħa għall-esperti tal-lokalità.

25.7.3 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand resident li kien alloġġjat fil-Lukanda San Andrea. Huwa qed jilmenta dwar il-ħsejjes matul il-lejl li kien ġej mill-apparat ta’ fuq il-bejt taċ-Churchill Bar & Restaurant. Dan l-ilment intbagħat ukoll lil sid l-istabbiliment u żgur li ser tieħu l-azzjoni neċessarja.

25.7.4 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta’ proprjetà fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi sabiex il-Kunsill jaqta’ ż-żerriegħa tas-siġar tal-Palm għax qed taqa’ ż-żerriegħa fuq il-bankina. Sabiex jintmessu siġar tal-Palm irid jinġieb il-permess mingħand il-Plant Health Directorate u bħalissa ma huwiex iż-żmien li jitmessu siġar tal-Palm. Il-kennies qed ikun mitlub sabiex

jiknes il-bankina kuljum.

25.7.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, stedina għal-laqgħa mas-Sindki tal-lokalitajiet u *Chairpersons* tal-Kumitati Amministrattivi sabiex jikkummentaw u jissuġġerixxu għar-rigward tal-miżuri tal-Manifest Elettorali għar-rigward tal-Kunsilli (Kap 19.04) dwar il-funzjoni tal-Kumitati Amministrattivi. Din il-laqgħa ser issir fit-30 ta' Novembru 2016, fl-4 ta' filgħaxija fil-Bini Amministrattiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-Marsa.

25.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta li maġenbu hemm bini mitluq u li sar post mimli ġrieden. Ġie deċiż li l-Kunsill jinfurmah li għandu jressaq l-ilment lid-Dipartiment tas-Sanità.

25.7.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta rigward ilment li rċieva dwar bżonn ta' żbir ta' siġra fi Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi peress li qiegħda ta' ostaklu/periklu għall-*open-top buses*. Dan l-ilment ġie rreferut lid-Dipartiment tal-Agrikultura fejn qed jinforma lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp li s-siġra li qed jiġi rreferut għaliha hija siġra tal-Ficus u fejnha sar *parking* tal-*open-top buses* u biex toqgħod sewwa l-*bus*, iridu jinqatgħu żewġ nofsijiet ta' żewġ siġriet. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li biex jintmessu dawk is-siġar irid jinġieb permess mingħand il-Planning Authority. Kien hemm qbil li dawn is-siġar ma jitmessux.

25.7.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta ta' Triq il-Munxar fejn qed tilmenta dwar dawl qawwi li qed tagħti l-bozza li hija mwaħħla mal-faċċata tad-dar tagħha. Din ir-residenta qed tilmenta wkoll dwar ħsarat li saru minn żviluppatur ġo Ġnien Ragalna. Il-Kunsill kien diġà baxxa l-*waltage* tal-lampa f'Mejju 2016. Dwar il-ħsara fil-ġnien, il-Kunsill kiteb sabiex jerġa' jwaħħal ir-*railing* u issa ser imur il-perit tal-Kunsill. Il-ġnien beda jitnaddaf u jiġi kkurat mill-ħaddiema tal-iskema Community Workers Scheme.

**25.8 Milied 2016 u Il-Munxar Day 2016**

25.8.1 Rigward tiżjin tal-Milied, il-Kunsill iddeċieda li minflok tintrema s-siġra ta' quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali, tintrema dik is-siġra li qiegħda viċin Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Ix-xogħol ta' tiżjin ser isir mill-Munxar Falcons FC għall-prezz ta' €1,100. Huma ser jieħdu ħsieb l-armar tax-Xlendi wkoll. L-Għaqda tal-Armar ser iżżejjen Triq San Pawl għas-somma ta' €400. Il-presepju u l-armaturi ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u tal-faċċata tal-Kunsill intremaw mill-ħaddiema tal-Kunsill.

25.8.2 Din is-sena ser isiru dawn l-attivitajiet:

L-Eċċellenza Tagħha Il-President ta' Malta ser tkun qed iżżur il-lokalità tal-Munxar nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2016 bejn il-5.10 ta' filgħaxija u s-5.40 ta' filgħaxija. Matul dawn il-ħinijiet ser tkun fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Waqt iż-żjara tagħha, il-Kunsill flimkien mal-Parroċċa ser nippreżentawlha d-donazzjonijiet li jkunu nġabru b'risq il-Community Chest Fund. Kulħadd huwa mistieden sabiex nagħtu merbħa lill-Eċċellenza Tagħha Il-President ta' Malta.

Nhar il-Festa tal-Kunċizzjoni, it-8 ta' Diċembru 2016, ser tiġi organizzata ħarġa għall-anzjani. Nitilqu mill-Pjazza tal-Knisja fit-8.30 ta' filgħodu bil-*Calypso Trains* u nibqgħu sejrin nisimgħu quddiesa fil-Knisja ta' Santa Luċija, Ta' Kerċem. Wara l-quddiesa ser inżuru s-*Citadel Information Centre* u wara ser immorru fil-Każin tal-'Banda San Girgor', Ta' Kerċem fejn ser ikun hemm kafè, tombla u *talk*. Kollox ser ikun imħallas mill-Kunsill.

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar b'kollaborazzjoni ma' The Gozo Sports Board ser jorganizza *Fun Festival* fl-okkażjoni ta' Il-Munxar Day 2016. Dan ser isir il-Ħadd, 11 ta' Diċembru 2016, mill-10.00 ta' filgħodu sas-1.00 ta' waranofsinhar, fil-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar. Ser ikun hemm *Bouncy Castles, Go-karts, Human Flytrap, Sand Art, Balloon Modelling, Face Painting, Pony Rides* u *ERRC*. Kollox ser ikun bla ħlas.

Ser jiġi organizzat *tournament* tal-*football* fil-*ground* taċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar mid-9.00 ta' filgħodu sal-10.30 ta' filgħodu. Dan ser ikun bla ħlas.

Ġie deċiż li għal Jum Il-Munxar 2016 issir quddiesa u serata ta' Jum Il-Munxar 2016 nhar it-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2016. Fis-6.00 ta' filgħaxija ser issir quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar u wara, fis-7.00 ta' filgħaxija, ser tinżamm Serata ta' Jum Il-Munxar fiċ-Ċentru Parrokkjali. F'din is-Serata ser jiġi ppreżentat 'Ġieħ Il-Munxar'. Wara jsir riċeviment.
Is-Sindku talbet lill-membri tal-Kunsill jaħsbu fuq lil min nistgħu nagħtu 'Ġieħ Il-Munxar 2016'.

Ser tiġi organizzata ħarġa għat-tfal nhar it-Tlieta, 27 ta' Diċembru 2016. Nitilqu mill-Pjazza tal-Knisja fid-9.00 ta' filgħodu u bil-*Calypso Trains* immorru għal *tour* fiċ-Cittadella. Wara ser immorru naraw *film* fit-Teatru fir-Rabat. Ser jitqassam *hamper* lil kull tifel u tifla. Kollox ser ikun imħallas mill-Kunsill.

**25.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

25.9.1 Il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi saret fil-21 ta' Novembru 2016. Is-Segretarju Eżekuttiv qara sommarju tal-Minuti tal-aħħar laqgħa u informa lill-Kunsill li dawn dalwaqt ser jintbagħtu lil kull membru.

25.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal-laqgħa li saret fl-14 ta' Novembru 2016 bejn il-Kunsill Lokali, il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, KIP Għawdex Ltd u uffiċjali mill-Wasteserv. Peress li l-kuntrattur talab li l-ġabra tal-borża s-sewda ssir tliet darbiet minflok darbtejn fil-ġimgħa, il-Kunsill talab lill-Wasteserv jekk jistax jiffinanzja kollezzjoni għax-Xlendi biss darba fil-ġimgħa sal-aħħar ta' Marzu 2017. Din it-talba ma ġietx milqugħa u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jħallix il-ġabra ta' skart imħallat (borża sewda) tibqax issir kull nhar ta' Tnejn u Sibt jew inkella kull nhar ta' Tnejn u Ħamis. Ġie deċiż li għax-Xlendi l-ġbir tal-borża s-sewda jsir kull nhar ta' Tnejn u Sibt sal-aħħar ta' Marzu 2017. Il-Wasteserv ser ikun qed idur bieb bieb fix-Xlendi sabiex jinfurmaw u jedukaw lir-residenti dwar is-sistema l-ġdida tal-iskart organiku.

Fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, il-Kunsill irċieva diversi talbiet sabiex il-ġbir tal-borża s-sewda fil-Munxar isir il-Ħamis minflok is-Sibt. Għaldaqstant, ġie deċiż li b'effett mill-1 ta' Diċembru 2016, il-ġbir tal-borża s-sewda jibda jsir il-Ħamis minflok is-Sibt.

**25.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

25.10.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 25/2016(23_11_16).

**25.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

25.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 20 ta' Diċembru 2016 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 20 ta' Diċembru, 2016

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Carmen Said<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |